# ORIZZONT ĠDID

*Ta'* KARMENU ELLUL GALEA

Qamar sbejjaħ x'inti ħiemed
bid-dmugħ nieżel ma' ħaddejk!
Milli tidher xejn m'int hieni
li llum tlajna ftit sa ħdejk!

* * *

Issa ġgarfet saltnatek moħbija
u maqtugħa mill-għagħa tal-bnedmin,
il-fruntieri tal-bogħod u l-ispazju
għalik iżjed ma jiġu mħaddmin.

Dehen il-bniedem, ja qamar, sa fl-aħħar
temm ix-xewqa li jbuslek ħaddejk,
u bil-għodod tal-ħila wil-qawwa
qiegħed jiżen il-polz ta' idejk.

Tistħix minna, taħbix iżjed wiċċek,
f'kull ma nħoloq u ssawwar hemm ħsieb;
l-univers win-natura f'kull moħba
b'sengħa kbira hejjew u ħbew bieb.

Għid, ja qamar — dan jibqa' bejnietna —
qatt xi darba kont toħlom bin-nies?!!
Jew li ġufek jinfetaħ għall-ħajja,
jew tissaffa bil-pala wil-fies?!!

Int ukoll taħt id-dwiefer tal-bniedem
inqbadt fl-aħħar għax-xogħol wit-tiftix.
Xammar drieghek, sinn snienek għall-ħidma;
la qbadniek, ifraħ magħna, tibkix!

Hawn fuq sidrek, ma' qalbek ftaħnielek
il-bandiera li b'ħuna nagħrfuk,
u mal-ħlejjaq fis-sejħa għall-paċi
tishar magħna għall-ġid irriduk!

Ara d-djar, din il-ħajja, dal-faqar,
tgħidx fid-dinja x'għad baqa' xi jsir,
ara l-aħwa jitbiċċru ma' l-aħwa,
għadu l-bniedem ta' xejnu lsir.



Tistmerrx demmna wil-qrusa t'għemilna
għax ġa forsi qed jaqtgħu nifsejk.
Xorta l-ħajja titlajja, titwieżen
ukoll kieku twelidna f'riġlejk.

Issa magħna trid taħdem u tilheġ
fl-eħrex ġlieda li tqajjem lir-ruħ
ħalli ninfdu l-fruntieri, l-ispazju
li b'għajb għadhom ijassru l-imħuħ.

Din tkun l-aħħar taqbida ma' nfusna
xħin ninbidlu minn bhejjem f'bnedmin
u titbierek miġjietna ġo nofsok
bħala l-bidu misjur tat-twemmin!

* * *

Hemm imbagħad ja qamar sbejjaħ
il-ferħ jilma f'ħbub għajnejk
xħin ma' sidrek trossna, tbusna
u tbenninna f'qiegħ idejk!

21/7/69.

---

# ĦOLQIEN

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

Fil-bidu kien Hu, waħdu,
il-ħsieb li ma jaqtax;
jimla l-wesgħat bla tmiem
tal-ispazju mudlam;
u ħassu għajjien,
waqt li gerrbu l-miljuni tas-snin,
għad li minnu nnifsu l-bidu u t-tmiem.
Biex jeħda mit-titwib tal-ispirtu għajjien,
bħal tfajjel miġruħ,
beda jilgħab:
Ħoloq ġugarelli: t-trab tal-ispazju,
il-kwiekeb iduru fuq fus dwar xulxin,
u strieħ mill-għeja u t-titwib
xħin ra kollox qed joqgħod għal fehma tal-ħsieb
li kien Hu.